# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU: 200

KAZ NRU. 291

Fil-kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Domitilla Stella Falzon
u
Villa Rosa Tourist Complex
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

CHAIRMAN: Anthony J. Bartolo, MIEEE, TEng, FIElecIE, MBIM, MIIM, MIM

1. INTRODUZZJONI

(1) Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar it-12 ta' Settembru, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att XXX ta' l-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

(2) It-Tribunal Industrijali zamm tliet (3) seduti.

(3) Is-Sinjura Domitilla Stella Falzon irrapprezentat lilha inifisha.

Il-Villa Rosa Tourist Complex kien ipprezentat mis-Sur Tarcisio Vella, Segretarju tal-kumpanija, St. George's Bay Hotel Limited, skond awtorizazjoni moghtija lilu permess ta' artikolu 19 tal-'Memorandum and Articles of Association' ta' l-istess kumpanija u skond konferma bil-miktub mis-Sur Alfred Gales, Managing Director tal-kumpanija u Chief Executive ta' Villa Rosa Tourist Complex.

2. SOTTOMISSJONIJIET PRELIMINARI ('STATEMENTS OF CASE')

(1) L-Appellant, is-Sinjura Domitilla Stella Falzon, issottomettiet li Villa Rosa Tourist Complex itterminalha l-impieg taghha fit-30 ta' April, 1982 ghar-raguni ta' 'redundancy', izda f'inqas minn sena zmien, Villa Rosa Tourist Complex impjegaw tlieta minn nies ohra jaghmlu l-istess xoghol taghha.

L-Appellant, is-Sinjura Domitilla Stella Falzon, qalet li dan l-agir tad-ditta Villa Rosa Tourist Complex huwa kontra l-ligi u li ta' dan, is-Sur Alfred Galea ghan-nom ta' Villa Rosa Tourist Complex nstab hati skond sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja Ghall-Gzira ta' Malta.

L-Appellant issottomettiet li hi (Domitilla Stella Falzon) dejjem kienet attenta fuq xogholha kif jidher mic-certifikat li tatha d-ditta stess.

L-Appellant, Domitilla Stella Falzon, issottomettiet li it-Tribunal Industrijali jsib favur il-kaz taghha u jordna li l-Appellant tigi moghtija x-xoghol li kellha lura ('re-instatement) u li tigi kkompensata ghaz-zmien li l-Appellant, Domitilla Stella Falzon, ila bla xoghol.

(2) Id-ditta, Villa Rosa Tourist Complex, issottomettiet li kif jidher mil-formola DOL.312 (Dok. C), l-impieg ta' l-Appellant, Domitilla Stella Falzon, gie tterminat fit-30 ta' April, 1982 fuq bazi ta' 'redundancy'.

Is-Sur Tarcisio Vella, ghan-nom tad-ditta qal li d-ditta, Villa Rosa Tourist Complex, ma tterminatx l-impieg ta' l-Appellant b'kapricc, imma ghaliex id-ditta kienet qed issofri telf ta' flejjes kbar. Sfortunatament, l-impieg ta' l-Appellant gie tterminat flimkien ma' l-impieg ta' tlieta u ghoxrin persuna ohra, kif jidher minn dokument (Dok. D) anness mas-Sottomisjonijiet Preliminari ta' Villa Rosa Tourist Complex.

Is-Sur Tarcisio Vella, ghan-nom tad-ditta qal li ma hemmx dubju li l-Appellant fehmet dak iz-zmien tat-tkeccija li it-terminazjoni ta' l-impieg taghha (tas-Sinjura Domitilla Stella Falzon) kien sar ghal ragunijiet gusti u minghajr diskriminazjoni.

Ghalhekk, bl-umilta kollha, id-ditta, Villa Rosa Tourist Complex, titlob li t-Tribunal jifhem is-sitwazzjoni tant difficli, biex ma jinghadx impossibli, tal-Industrija fejn id-ditta qeghda kontinwament tipprova ssalva l-impiegi li fadal.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, id-ditta, Villa Rosa Tourist Complex, titlob bir-rispett li t-Tribunal isib favur id-ditta u kontra l-Appellant.

3. XHIEDA

(1) Prodotti mill-Appellant (kif dehru)

- Is-Sinjura Doris Tanti
- Is-Sinjura Domitilla Stella Falzon, l-Appellant innifisha

(2) Prodotti mid-Ditta (kif dehru)

- L-Avukat, Dr. Philip Bianchi
- Is-Sinjorina Josette Sammut
- Is-Sur Alfred Galea, Chief Executive tad-ditta

- Is-Sur Mario Caruana, Labour Officer, kien imsejjah b'xhud mill-Appellant, izda gie rrenunzjat bi ftehim miz-zewg partijiet, ghaliex is-sostanza tal-fatti li fuqhom kien sejjer jixhed giet ammessa miz-zewg partijiet.

4. DOKUMENTI

(1) L-Appellant, is-Sinjura Domitilla Stella Falzon, ipprezentat hames (5) dokumenti, li gew immarkati Dok 2 sa' Dok. 6, barra mis-Sottomissjonijiet Preliminari u s-Sottomissjonijiet Finali li gew immarkati Dok. 1 u Dok. 13 rispettivament.

(2) Id-Ditta, Villa Rosa Tourist Complex, ipprezentat hames (5) dokumenti, li gew immarkati Dok. 8 sa' Dok. 12, barra mis-Sottomissjonijiet Preliminari u s-Sottomissjonijiet Finali, li gew immarkati Dok. 2 u Dok. 14 rispettivament.

(5) SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Fis-Sottomissjonijiet Finali, iz-zewg partijiet fethu aktar fuq il-kaz u fuq l-argumenti li huma pprezentaw fis-Sottomissjonijiet Preliminari taghhom rispettivament, kif ukoll ghamlu riferenzi kemm ghal xi dokumenti li gew ipprezentati waqt is-smiegh tal-kaz mit-Tribunal Industrijali u ghal dak li ntqal mix-xhieda.

(6) KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

(1) Taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 32 (4) ta' l-Att XXX ta' 1976, it-Tribunal irid ikun konsistenti mal-'Conditions of Employment (Regulations) Act, 1952 (Att XI ta' l-1952, kif gie amendat). Ghaldaqstant, ghalkemm it-Tribunal gie mgharraf waqt is-smiegh tal-kaz b'xi cirkonstanzi specjali ghaliex impiega persuni ohrajn bhala 'all-purpose cleaners' f'dati differenti fil-perjodu li jibda mit-30 ta' Novembru, 1982 u jispicca fit-23 ta' Settembru, 1983, it-Tribunal ma jistghax jidhol fil-meritu ta' dan, ghaliex dawn ic-cirkonstanzi mhumiex relevanti mal-kaz ta' l-Appellant.

(2) Ma hemmx dubju li x-xoghol li kienu qieghdin jaghmlu l-impiegati li hadmu mad-ditta, Villa Rosa Tourist Complex, mit-30 ta' Novembru, 1982 sat-23 ta' Settembru 1983 kien l-istess fis-sostanza bhax-xoghol li kienet taghmel l-Appellant, Domitilla Stella Falzon, ma l-istess ditta, anke jekk l-isem tal-posizjoni gie msejjah 'all-purpose cleaner' flok 'housemaid'. Dan ga gie stabbilit anke bis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1983 mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzira ta' Malta fil-kaz 'Il-Pulizija vs. Alfred Galea'.

Jirrizulta minn din is-sentenza li s-Sur Alfred Galea, ghan-nom ta' Villa Rosa Tourist Complex, kien gie mmultat ghoxrin lira Maltin ghaliex is-Sur Alfred Galea instab hati skond l-Att XI tal-1952, Artikoli 25 (2) u 2 (A) u Artikolu 30.

(3) Mid-dokumenti pprezentati jidher car li id-ditta, Villa Rosa Tourist Complex, ma mpjegat lil hadd f'xoghol simili bhal ma kienet taghmel l-Appellant, Domitilla Stella Falzon, mad-ditta minn meta id-ditta tterminat l-impieg ta' l-Appellant fit-30 ta' April, 1982 sa' t-30 ta' Novembru, 1982, meta giet impiegata l-ewwel persuna ohra fl-istess xoghol. Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-terminazjoni mill-impieg fuq bazi ta' 'redundancy' kienet gusta fit-30 ta' April, 1982 u baqghet isseh sat-30 ta' Novembru, 1982. Izda, f'din id-data, skond il-ligi, kellha terga tigi impjegata l-Appellant, Domitilla Stella Falzon, flok persuna ohra.

(4) It-Tribunal huwa ukoll tal-fehma li l-impieg mill-gdid ta' l-Appellant kellu jibqa jsehh sat-23 ta' Settembru, 1983, id-data li fiha giet terminata l-ahhar persuna mil-grupp ta' persuni li gew impiegati fil-perjodu li jibda mit-30 ta' Novembru, 1982 u jispicca fit-23 ta' Settembru, 1983, ghaliex sa zmien sena wara t-29 ta' Settembru, 1983, id-ditta ma impjegat lil hadd fl-istess xoghol li kienet taghmel l-Appellant.

7. DECIZJONI U AWARD

It-Tribunal Industrijali, wara li semgha l-kaz bir-reqqa, fela id-dokumenti pprezentati u studja x'qalu x-xhieda, kif ukoll ikkonsidra is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizjarja ghall-Gzira ta' Malta, imsemmija fil-konsiderazjonijiet tat-Tribunal hawn fuq u nnota id-dikjarazjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' l-24 ta' Gunju, 1983, jordna li d-ditta, Villa Rosa Tourist Complex, thallas lill-Appellant, Domitilla Stella Falzon, kumpens ghat-telf ta' paga ta' Lm33.38,0 fil-gimgha, li hija l-paga li l-Appellant kellha meta giet imkeccija fit-30 ta' April, 1982, ghall-perjodu li jibda mit-30 ta' Novembru, 1982 u jispicca fit-23 ta' Settembru, 1983 (iz-zewg dati nkluzi) - jigifieri, perjodu ta' tnejn u erbghin (42) gimgha u erba (4) tijiem bit-Lm33.38,0 fil-gimgha, kif ukoll li 'statutory bonus' ta' Lm116 fis-sena ikkalkulat ghal perjodu relevanti.

Din is-somma, li tammonta ghal Lm1,524.14,0 (E. & O.E.) ghandha tithallas mid-ditta lill-Appellant fiz-zmien sitt xhur mid-data ta' dan l-Award permess ta' 5 pagamenti ta' Lm254.02,0 il-wiehed

fix-xahar u pagament ta' l-ahhar ta' Lm254.04,0.. L-ewwel pagament ghandu jsir immedjatament.

B'din id-decizjoni u award, it-Tribunal Industrijali itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

ANTHONY J. BARTOLO
CHAIRMAN

A. BARTOLO PARNIS
SEGRETARJU

DATA: 19 DEC 1984